# Relazzjonijiet vertikali fil-Katina tal-Provvista Alimentari:

# Prinċipji ta' Prattika tajba

***Propost mill-membri ewlenin li ġejjin tal-pjattaforma B2B***

**AIM**

**CEJA**

**CELCAA**

**CLITRAVI**

**Copa Cogeca**

**ERRT**

**EuroCommerce**

**Euro Coop**

**FoodDrinkEurope**

**UEAPME**

**UGAL**

Biex tkun żgurata l-konformità ma' liġijiet rilevanti tal-kompetizzjoni, dan id-dokument m'għandux ikun diskuss jew użat f'xi mod ieħor f'komunikazzjonijiet ta' assoċjazzjonijiet bil-għan li jkunu kkoordinati strateġiji kummerċjali direttament jew indirettament.

29 November 2011

**Daħla**[1]

L-Istituzzjonijiet Ewropej u diversi Stati Membri semmew li kien hemm problemi b'rabta mal-katina tal-provvista alimentari u qablu li kellhom jinstabu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi[2].

Wara li fl-10 ta' Marzu 2011 kienet saret talba fil-Pjattaforma Business-to-Business (B2B) tal-Forum ta' Livell Għoli għal Katina tal-Provvista Alimentari Ewropea li Taħdem Aħjar mill-Kummissjoni , inħoloq djalogu bejn ħafna partijiet interessati biex jiddiskuti prattiċi ġusti/mhux ġusti tul il-katina tal-provvista alimentari. Dan id-djalogu għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-proċess tal-Forum ta' Livell Għoli, abbażi tal-mandat tal-pjattaforma. Il-qofol tad-diskussjoni kien li tinstab soluzzjoni għall-asimetrija u possibbilment għal użijiet ħżiena ta' setgħa ta' negozjar minn atturi li jaħdmu fil-katina alimentari.

Ir-riżultati tad-djalogu tal-ħafna partijiet interessati huma mehmużin fl-għamla ta' sett ta' prinċipji ta' prattika tajba u ta' elenku ta' eżempji ta' prattiċi mhux ġusti u ġusti f'relazzjonijiet vertikali fil-kummerċ. Dawn ir-riżultati juru i) rikonoxximent li jista' jkun hemm prattiċi mhux ġusti fil-kummerċ fil-katina kollha tal-provvista alimentari u ii) rieda tal-partijiet interessati li jkunu indirizzati dawk il-prattiċi b'mod konsenswali u effikaċi.

Il-membri tad-djalogu bejn ħafna partijiet interessati jemmnu li dawn il-prinċipji ta' prattika tajba joffru qafas biex isir negozju li jħares il-libertà kuntrattwali u li jiżgura l-kompetittività, il-fiduċja u l-kontinwità, kollha meħtieġa għall-iżvilupp, l-innovazzjoni u għat-tliet pilastri ta' sostenibbiltà (ekonomika, soċjali u ambjentali) fin-negozju. Fl-aħħar mill-aħħar dawn ikunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għas-soċjetà kollha.

Dan l-approċċ huwa komplementari għall-iżvilupp ta' prattiċi tajbin tal-ECR imfasslin biex jinkiseb l-aħjar mill-katina kollha tal-valuri biex jitwettqu x-xewqat tal-konsumaturi, aħjar, aktar malajr u b'anqas spejjeż.

Il-prinċipji u l-eżempji li ġejjin iqisu l-irwol importanti li l-SMEs jaqdu fil-katina tal-provvista alimentari.

Il-ħarsien tal-prinċipji ta' prattika tajba ta' hawn taħt għandu jrawwem eżempji ta' prattiċi ġusti u jiskuraġġixxi l-eżerċizzju ta' dawk mhux ġusti, li wħud minnhom huma elenkati fid-dokument.

---

[1] BEUC, l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi, segwiet ix-xogħol bħala osservatur. BEUC tqis il-prinċipji ġenerali u speċifiċi ta' prattika tajba bħala tajbin u li jirriflettu prattiċi kumplessivament tajbin f'materji ċivili u kummerċjali. BEUC, iżda, fil-fatt tiddubita kif l-infurzar tagħhom għandu jkun żgurat fis-swieq tal-UE.

[2] L-aktar ir-Rakkomandazzjonijiet Finali tal-Grupp ta' Livell Għoli (HLG.006), il-Komunikazzjoni dwar Katina tal-Provvista Alimentari fl-Ewropa li Taħdem Aħjar (COM(2009) 591), Eżerċizzju ta' Sorveljanza tas-Suq tal-Konsumaturi (COM(2010) 355), L-Att dwar is-Suq Uniku (COM(2011) 206/4), ir-Rapport Bové (2009/2237(INI)), ir-Rapport Corazza-Bildt (2010/2109(INI)) u d-diversi inizjattivi pubbliċi u privati inter alia fir-Renju Unit, Franza, Spanja, ir-Rumanija, l-Ungerija u l-Irlanda.

# Prinċipji ta' Prattika tajba

*Partijiet kontraenti għandhom jaġixxu f'konformità stretta mal-liġijiet applikabbli, inkluża l-liġi dwar il-kompetizzjoni.*

**Prinċipji Ġenerali:**

A. KONSUMATURI: Il-partijiet kontraenti għandhom dejjem iqisu l-interessi tal-konsumaturi u s-sostenibbiltà globali tal-katina ta' provvista fir-relazzjonijiet B2B tagħhom. Il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw effiċjenza massima u l-aħjar użu ta' riżorsi fit-tqassim ta' oġġetti tul il-katina ta' provvista.

B. LIBERTÀ KUNTRATTWALI: Partijiet kontraenti huma entitajiet ekonomiċi indipendenti, li jirrispettaw id-drittijiet ta' xulxin li jistabbilixxu l-istrateġija u l-politika ta' ġestjoni tagħhom stess,, inkluża l-libertà li jiddeterminaw indipendentement jekk tidħolx jew le f'kull ftehim.

C. TRATTAMENT ĠUST: Il-partijiet kontraenti għandhom jittrattaw lil xulxin b'mod responsabbli, b'intenzjonijiet tajba u b'diliġenza professjonali.

**Prinċipji speċifiċi:**

1. FTEHIMIET BIL-MIKTUB: Il-ftehimiet għandhom ikunu bil-miktub, sakemm dan ikun mhux prattikabbli jew fejn ftehimiet bil-fomm ikunu aċċettabbli jew konvenjenti reċiprokament. Għandhom ikunu ċari u trasparenti, u jkopru kemm jista' jkun elementi rilevanti, inklużi drittijiet u proċeduri ta' terminazzjoni.

2. PREVEDIBBILTÀ: M'għandux isir tibdil unilaterali għal termini kuntrattwali sakemm din il-possibbiltà u ċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet tagħha ma jkunx hemm qbil dwarhom minn qabel. Il-ftehimiet għandhom jagħtu profil tal-proċess biex kull parti tiddiskuti mal-parti l-oħra kull bidla meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ftehim jew minħabba ċirkostanzi imprevisti, kif stipulat fil-ftehim.

3. KONFORMITÀ: Għandu jkun hemm konformità mal-ftehimiet.

4. INFORMAZZJONI: Fejn ikun hemm skambju ta' tagħrif, dan għandu jsir b'konformità stretta mal-liġi dwar il-kompetizzjoni u liġijiet oħra applikabbli, u l-partijiet għandhom joqogħdu raġonevolment attenti biex jiżguraw li l-informazzjoni mogħtija tkun korretta u ma tqarraqx.

5. KUNFIDENZJALITÀ: Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni għandha titħares sakemm l-informazzjoni ma tkunx diġà pubblika jew tkun inkisbet b'mod indipendenti mill-parti li tirċeviha legalment u b'intenzjonijiet tajba. L-informazzjoni kunfidenzjali għandha tintuża mill-parti li tirċeviha għall-fini biss li għalih tkun ġiet ikkomunikata.

6. RESPONSABBILTÀ GĦAR-RISKJU: Il-partijiet kontraenti kollha fil-katina ta' provvista għandhom iġorru r-riskji intraprenditorjali xierqa tagħhom..

7. TALBA ĠUSTIFIKABBLI: Parti kontraenti m'għandhiex tapplika theddid biex tikseb vantaġġ mhux ġustifikat jew biex tittrasferixxi spiża mhux ġustifikata.

| Prattika | Eżempji ta' prattiċi mhux ġusti | Eżempji ta' prattiċi ġusti |
|---|---|---|
| **Ftehimiet – miktuba / mhux miktuba** | • Rifjut jew ikun evitat li jitqiegħdu termini essenzjali bil-miktub. Din tagħmilha aktar diffiċli biex tkun magħrufa l-intenzjoni tal-partijiet u biex ikunu identifikati d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-kuntratt. | • Il-partijiet kontraenti jiżguraw li l-ftehim ikun bil-miktub, sakemm dan ikun mhux prattikabbli jew fejn ftehimiet bil-fomm ikunu aċċettabbli u konvenjenti reċiprokament. Il-ftehim ikun fih ċirkostanzi preċiżi u regoli dettaljati li skonthom il-partijiet ikunu jistgħu jimmodifikaw flimkien it-termini tal-ftehim, f'waqtu u b'mod informat, inkluż il-proċess biex ikun iffissat il-kumpens meħtieġ għal kull spiża li tiġi minn parti jew oħra.<br>• Id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt bil-miktub ikunu ċari u trasparenti.<br>• Meta kuntratti ma jkunux bil-miktub, waħda mill-partijiet tibgħat konferma bil-miktub wara. |
| **Termini u kondizzjonijiet ġenerali** | • L-impożizzjoni ta' termini u kondizzjonijiet li jkun fihom klawżoli mhux ġusti. | • Użu ta' termini u kondizzjonijiet li jħaffu l-attività fin-negozju u li jkun fihom klawżoli ġusti. |
| **Terminazzjoni** | • It-terminazzjoni unilaterali ta' relazzjoni kummerċjali mingħajr avviż, jew soġġetta għall-perjodu ta' avviż qasir mhux raġonevoli u mingħajr raġuni ġustifikata oġġettivament, pereżempju minħabba li ma jkunux intlaħqu miri ta' bejgħ. | • It-terminazzjoni unilaterali tal-ftehim tħares il-ftehim u l-proċess dovut u tkun skont il-liġi applikabbli. |
| **Sanzjonijiet kuntrattwali** | • Sanzjonijiet kuntrattwali jkunu applikati b'mod mhux trasparenti u jkunu sproporzjonati għad- danni sofferti.<br>• Sanzjonijiet ikunu imposti mingħajr ebda ġustifikazzjoni fil-ftehim jew fil-liġi applikabbli. | • Jekk parti tonqos milli tħares l-obbligi tagħha, ikunu applikati sanzjonijiet kuntrattwali b'mod trasparenti, fir-rigward tal-ftehim u proporzjonalment għad-danni.<br>• Ikun hemm qbil minn qabel dwar is-sanzjonijiet kuntrattwali , u li dawn ikunu proporzjonati għaż-żewġ naħat u jiġu applikati biex jikkumpensaw għad-danni. |
| **Azzjonijiet unilaterali** | • Tibdiliet unilaterali retroattivi mhux kuntrattwali fl-ispiża jew fil-prezz ta' prodotti jew servizzi. | • Kuntratt ikun fih ċirkostanzi u kondizzjonijiet leġittimi li fihom tkun permessa azzjoni unilaterali sussegwenti. |
| **Informazzjoni** | • Ma tingħatax Informazzjoni essenzjali rilevanti għall-parti l-oħra f'negozjati kuntrattwali u li l-parti l-oħra setgħet leġittimament tistenna li tirċievi.<br>• Parti kontraenti tuża jew taqsam ma' parti terza informazzjoni sensittiva mogħtija kunfidenzjalment mill-parti kontraenti l-oħra, mingħajr l-awtorità ta' din tal-aħħar, b'mod li jgħinha tikseb vantaġġ kompetittiv. | • L-għoti ta' tagħrif essenzjali rilevanti lill-parti l-oħra f'negozjati kuntrattali u jkun żgurat li t-tagħrif ma jkunx użat ħażin. |

| | | |
|---|---|---|
| **Allokazzjoni ta' riskji intraprenditorjali** | • It-trasferiment ta' riskju mhux ġustifikat jew sproporzjonat lil parti kontraenti, pereżempju impożizzjoni ta' garanzija ta' marġni permezz ta' ħlas għal nuqqas ta' prestazzjoni.<br>• ,L-impożizzjoni ta' rekwiżit għall-finanzjament ta' attivitajiet proprjetarji ta' negozju ta' parti kontraenti.<br>• L-impożizzjoni ta' rekwiżit għall-finanzjament ta' spiża ta' promozzjoni.<br>• Parti kontraenti ma titħalliex tagħmel talbiet leġittimi ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni għall-prodotti tagħha. | • Operaturi differenti jiltaqgħu ma' riskji speċifiċi f'kull stadju tal-katina ta' provvista – marbutin ma' gwadanji potenzjali għal tmexxija ta' negozju f'dak il-qasam. L-operaturi kollha jieħdu r-responsabbiltà għar-riskji tagħhom stess u ma jippruvawx bla bżonn jittrasferixxu r-riskji tagħhom lil partijiet oħra.<br>• Trasferiment ta' riskju li jkun innegozjat u miftiehem mill-partijiet biex tinkiseb sitwazzjoni ta' vantaġġ reċiproku.<br>• Partijiet kontraenti jaqblu dwar it-termini u l-kondizzjonijiet li jikkorrispondu mal-kontribuzzjoni tagħhom għal attivitajiet proprjetarji u/jew attivitajiet ta' promozzjoni ta' parti jew oħra. |
| **Tariffi ta' kwotazzjonijiet (ħlasijiet minn qabel għal aċċess)** | • L-impożizzjoni ta' tariffi għal kwotazzjonijiet li jkunu sproporzjonati għar-riskju li jkun hemm fil-ħżin ta' prodott ġdid. | • Meta tariffi għall-kwotazzjonijiet – użati biex jimmitigaw ir-riskju li jkun hemm fi ħżin ta' prodott ġdid – jaqblu dwarhom iż-żewġ partijiet, u jkunu proporzjonati għar-riskju li jkun hemm. |
| **Theddid ta' taqlib għan-negozju** | • It-theddid ta' taqlib għan-negozju jew ta' terminazzjoni tar-relazzjoni fin-negozju biex jinkiseb vantaġġ mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, pereżempju billi tkun ikkastigata parti kontraenti talli teżerċita d-drittijiet tagħha.<br>• Li jintalab ħlas għal servizzi li ma jkunux ingħataw jew għal oġġetti li ma jkunux twasslu, jew jintalbu ħlasijiet li biċ-ċar ma jkunux jikkorrispondu mal-valur/spiża tas-servizz mogħti. | |
| **Abbinament** | • L-impożizzjoni fuq parti kontraenti għax-xiri jew għall-provvista ta' sett ta' prodotti jew servizzi abbinati ma' sett ieħor ta' prodotti jew servizzi – mingħand waħda mill-partijiet kontraenti jew mingħand parti terza indikata. | • Il-partijiet kontraenti jaqblu li jabbinaw prodotti jew servizzi li jżidu l-effiċjenza globali u/jew is-sostenibbiltà tal-katina ta' provvista u jġibu benefiċċji lill-konsumaturi u liż-żewġ partijiet kontraenti. |
| **Konsenja u wasla ta' oġġetti** | • It-taqlib apposta ta' skeda ta' konsenja jew ta' wasla biex jinkiseb vantaġġ mhux ġustifikat. | • Konsenji li jaslu fil-ħin miftiehem jippermettu lil fornituri jippjanaw, minn qabel sewwa, il-proċessi ta' produzzjoni u manifattura u skedi ta' żmien tagħhom għal konsenji, u jippermettu xerrejja jippjanaw il-wasla, il-ħżin u l-wiri tal-oġġetti kkonsenjati.<br>• Jekk parti jkun jeħtiġilha li twassal jew tirċievi minn kmieni / tard / parzjalment, hija tażva lill-parti l-oħra kmieni kemm jista' jkun u skont il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ftehim bil-miktub. |